# SAN ĠUŻEPP fix-xogħlijiet ta' MATTIA PRETI (1613-1699)

minn Anthony Casha

DIN IS-SENA jaħbat it-300 anniversarju mill-mewt tal-pittur ċelebri, il-Kalabriż Mattia Preti, li għex għal 38 sena f'Malta u li miet proprju f'pajjiżna stess fl-età ta' 86 sena, nhar it-3 ta' Jannar 1699. Preti jinsab midfun fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta,[1] li dak iż-żmien kienet il-knisja Konventwali ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Dak l-istess Ordni li Mattia Preti stess kien jagħmel parti minnu, għall-ewwel bħala *Cavaliere d'Ubbidienza*[2] u iżjed tard bħala *Cavaliere di Grazia.*[3]

Ovvjament kien jixraq ħafna li dan il-pittur jiġi midfun f'din il-knisja li hija tant marbuta miegħu, għax-xogħlijiet li ġie kkummissjonat mill-istess Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, biex jagħmel fiha. Xogħlijiet artistiċi li fortunatament għadhom jiddekoraw u jsebbħu din il-knisja, internament trasformata minnu stess f'ġawhra barokka, meqjusa kif fil-fatt hi, bħala waħda mill-isbaħ knejjes fid-dinja.

B'xorti kbira, aħna llum għandna x-xorti naraw, napprezzaw u ingawdu dawn ix-xogħlijiet sbieħ u artistiċi tiegħu f'din il-knisja monumentali. Fosthom il-famuż saqaf li Preti beda' ipitter f'Ottubru ta' l-1661 u li spiċċah f'Diċembru ta' l-1666, konsidrat bħala l-akbar biċċa xogħol artistika tiegħu.[4] Fejn mar jirrappreżenta l-ħajja ta' San Ġwann il-Battista, il-qaddis Patrun ta' l-Ordni tal-Kavallieri li tiegħu l-knisja ġġib l-isem u li hija ddedikata għalih. Xogħlijiet oħra minn tiegħu f'din l-istess knisja huma d-diversi kwadri u lunetti artistiċi li huwa pitter fuq diversi kummissjonijiet ta' diversi Kavallieri, proprju għal din il-knisja.[5]

Barra minn hekk, kemm kien ilu jgħix f'Malta Mattia Preti, insibuh li ġie kkummissjonat biex ipitter diversi kwadri għal diversi knejjes, palazzi u djar privati kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Dan minħabba l-fatt li hu kien pittur kapaċi u b'hekk ukoll kien pittur magħruf ħafna b'mod speċjali f'pajjiżna, l-iżjed bis-saħħa ta' l-istess Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, peress li hu kien il-pittur prinċipali ta' l-Ordni. Kien ukoll il-pittur influwenti ta' l-epoka barokka kemm fl-Italja, f'Malta kif ukoll fil-pajjiżi ta' l-inħawi tal-Mediterran.

**Harsa ħafifa lejn il-ħajja ta' Preti**

Mattia Preti magħruf bħala *il Cavalier Calabrese* u kunsidrat bħala wieħed mill-esponenti l-kbar ta' l-Arti Taljana tas-seklu 17, twieled fil-belt żgħira ta' Taverna, fil-Kalabrija, fl-24 ta' Frar 1613, minn Innocenza Schipani, l-mara ta' Cesare Preti, f'dar modesta fil-kwartier Portacise. Fis-26 ta' l-istess xahar ġie mgħammed fil-knisja viċin l-istess dar, dik ta' San Martino. Huwa kien it-tielet iben minn familja numeruża.[6]

→



L-ewwel studji ta' Mattia Preti ġew segwiti minn Mons. Marcello Anania, li kien l-Arċipriet tal-knisja ta' Santa Barbara. Dan is-saċerdot ta lil Mattia fiż-żgħożija tiegħu, edukazzjoni reliġjuża profonda li baqgħet marka fil-ħajja u fix-xogħol artistiku tiegħu.[7] Fl-1630 ħalla Taverna, u mar l-ewwel f'Napli u wara f'Ruma fil-*bottega* ta' ħuh il-kbir Gregorio Preti (1603-1672), li ħejjieh għall-ewwel studji tad-disinn u tal-pittura. Gregorio kien l-ewwel għalliem tiegħu. Hekk fis-snin 1630-37, ħa l-ewwel formazzjoni artistika, fejn għamel konoxxenza ta' l-opri ta' l-artisti l-kbar b'kollaborazzjoni ma' ħuh Gregorio.[8]

Fl-1639 beda sensiela ta' vjaġġi f'Cento, fejn sar jaf lil Guercino, artist li aktar minn kull artist ieħor baqa' preżenti fil-memorja ikonografika ta' Mattia. Wara l-istudji tiegħu f'Cento, huwa mar f'Parma, Modena, Venezja u fil-Lombardija, fejn huwa studja x-xogħlijiet ta' Lanfranco, Domenichino, Tiziano, Correggio u Veronese.[9]

Is-snin 1642-44 kienu s-snin fejn Preti ħa l-ewwel kummissjonijiet importanti. Fid-9 ta' Marzu 1650, ġie miktub fil-lista tal-"Virtuosi" ta' l-artisti tal-Pantheon ta' Ruma. Ħadem f'Modena, fejn għamel l-affresk tal-koppla u tas-saqaf tal-kor tal-knisja ta' San Biagio. Suċċessivament f'Ruma ma' ħuh Gregorio ħadem l-affreski tal-knisja ta' San Carlo ai Catinari. Fit-8 ta' April ta' l-1651, lesta l-affreski ta' l-abside tal-knisja ta' Sant'Andrea della Valle. Fl-1653 ġie miktub fl-Accademia di San Luca u bejn l-1653-61 ħadem f'Napli, fejn ġie nkarigat biex ipitter l-affreski votivi tal-pesta, fuq il-bibien ta' l-istess belt. Hawnhekk Preti irċieva ħafna kummissjonijiet li laħqu l-qofol tagħhom bix-xogħol artistiku tiegħu fil-knisja ta' San Pietro alla Majella. Fl-1661 irritorna Ruma biex jaħdem fid-dekorazzjoni tas-swali tal-Palazz Pamphili u Valmonte. Fl-istess sena, ipparteċipa fil-preżentazzjoni tal-buzzetti għall-koppla tad-Duomo ta' Messina. Fejn minn Sqallija ġie Malta, fuq kummissjoni tal-Kavallieri ta' San Ġwann biex jibda l-proġett tad-dekorazzjoni tas-saqaf tal-knisja konventwali tagħhom fil-Belt Valletta.[10]

Mattia Preti barra li kien pittur kien ukoll arkitett. Frott ta' dan hija l-knisja ta' Sarria fil-Furjana, biċċa xogħol kompluta arkitettonikament u dekoratament minnu stess. Kemm kien ilu f'Malta barra x-xogħol li kien jagħmel għal ħafna kummissjonijiet li kien ikollu f'pajjiżna, kien ukoll jibgħat xogħol tiegħu lejn l-Italja, minn fejn kien ikollu wkoll diversi kummissjonijiet oħra x'jagħmel.[11]

Waqt li kien marid fit-28 ta' Diċembru 1698, kiteb it-testment tiegħu. Sitt ijiem wara huwa miet wara marda kiefra ta' sentejn.[12]

Mattia Preti matul ħajtu pitter madwar 700 opra, dawn jinabu fi knejjes, f'palazzi, f'mużewijiet u f'kollezzjonijiet privati madwar id-dinja kollha.

### Il-Preżentazzjoni tal-figura ta' San Ġużepp fix-xogħlijiet ta' Mattia Preti

Fost il-kwantità kbira ta' opri b'suġġetti reliġjużi li pitter Mattia Preti matul il-ħajja artistika tiegħu, kemm barra minn pajjiżna kif ukoll f'pajjiżna stess, insibu numru ta' xogħlijiet artistiċi li

→

fihom huwa pitter u daħħal lil San Ġużepp; u proprju partikularment lejn xi wħud minn dawn ix-xogħlijiet tiegħu, li fihom jidher dan il-Qaddis, li aħna llum se nagħtu ħarsa mill-qrib lejhom.

Meta Preti kien ipitter il-figura ta' San Ġużepp fix-xogħlijiet tiegħu, dejjem ippreżentah bħala raġel xwejjaħ, kif kienet l-ideja tradizzjonali ta' dak iż-żmien dwar San Ġużepp. Ġeneralment kien iħobb jagħtih fiżikament pożizzjoni muvimentata. Fejn San Ġużepp ikun is-suġġett prinċipali tal-kwadru, allura narawh jippreżentah b'figura prominenti ħafna, attiv u fiċ-ċentru tal-kwadru. Fejn il-figura tiegħu kienet tkun waħda sekondarja, jiġifieri meta jippreżentah ma' figuri oħra skond is-suġġett li jkun qiegħed ipitter, narawh li xorta waħda lil San Ġużepp kien jagħtih f'ċertu limitu, muviment fiżiku fil-figura tiegħu.



*Ritratt ta' Mattia Preti. Pittura taż-żejt fuq it-tila. Dan il-kwadru jinsab fil-Mużew tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.*
*(Bil-korteżija tal-Mużew tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann - Valletta)*

Għalhekk nistgħu ngħidu li l-figura ta' San Ġużepp fil-pittura ta' Preti ġeneralment hija waħda minn dawk il-figuri li għandha azzjoni skond il-preżentazzjoni tas-suġġett.

Fejn lil San Ġużepp jippreżentah bil-bastun f'idejh, dan dejjem narawh li huwa bastun li fit-tarf tiegħu huwa dejjem iffjurit. Tradizzjoni antika relatata ma' San Ġużepp, dwar dan il-bastun.

Lil San Ġużepp Preti dejjem ppreżentah ħafi, b'ilbies tradizzjonali u bil-fardal partikularment waqt il-preżentazzjoni tiegħu bħala ħaddiem. Għalkemm Preti kien iħobb ipitter il-figura ta' San Ġużepp bħala bniedem xwejjaħ, iżda fl-istess waqt kien jaffigurah ukoll b'fiżiku ta' bniedem b'saħħtu li jiflaħ għax-xogħol.

**Xogħlijiet ta' Mattia Preti fl-Italja fejn fihom tidher il-figura ta' San Ġużepp.**

Minn fost il-kwadri li pitter Preti barra minn pajjiżna, fejn fihom daħħal il-figura ta' San Ġużepp, se nagħtu ħarsa lejn erba' kwadri partikulari, li dawn kollha jinsabu l-Italja. L-ewwel tnejn jippreżentaw episodji mill-Evanġelji li għandhom x'jaqsmu mal-ġrajja tat-twelid ta' Kristu, fejn San Ġużepp kellu sehem importanti fihom. Dawn huma l-Adorazzjoni tal-Maġi kif ukoll il-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju. It-tielet kwadru li se nitkellmu dwaru huwa wieħed li jirrapreżenta suġġett devozzjonali lejn il-Madonna, fejn Preti daħħal ukoll il-figura ta' San Ġużepp. Qiegħed nirreferi għall-kwadru tal-"Madonna ta' Kostantinopoli".

→

Ir-raba' kwadru li wkoll se nitkellmu dwaru għalkemm attwalment dan jinsab mitluf, huwa dak li kien iġib it-titlu "Il-Familja Mqaddsa flimkien mal-Qaddisin Franġiskani".

**L-Adorazzjoni tal-Maġi**

L-ewwel biċċa xogħol artistika li se nitkellmu dwarha li fiha jidher San Ġużepp, impitter minn Preti, huwa dak li jirrapreżenta s-suġġett ta' l-Adorazzjoni tal-Maġi. Attwalment dan il-kwadru jinsab fil-Mużew Ċiviku ta' Rende, fl-Italja. Huwa kwadru magħmul mill-pittura taż-żejt fuq it-tila, li għandu misura ta' 126.5cm x 100cm

F'dan il-kwadru naraw it-tliet Slaten Maġi joffru r-rigali tagħhom: deheb, inċens u mirra lil Ġesù Bambin, li dan jinsab f'idejn Ommu Marija - li din tinsab bilqegħda fuq tarġa, in-naħa tal-lemin tal-kwadru. Proprju warajha fid-dell, jidher f'mezzo bust San Ġużepp. Fl-isfond tal-kwadru jidhru wkoll xi servi ta' dawn il-Maġi, biż-żwiemel u l-iġmla tagħhom.

**Il-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju.**

Dan il-kwadru jinsab f'Taverna, l-Italja,proprju il-post fejn twieled u għadda l-ewwel żminijiet ta' ħajtu Mattia Preti stess. Il-kwadru jinsab fuq wieħed mill-artali tal-knisja ta' Santa Barbara, id-dedikat lill-*Purificazione*, iffondat minn Alfonso Vincenzo Poerio, fl-1651.(13) Dan il-kwadru li għandu misura ta' 190 x 130cm sar minn Preti bejn l-1653-60. Huwa mpitter biż-żejt fuq it-tila u jirrafigura lil Ġesù Bambin f'idejn Xmuni li lilu ġie preżentat minn Ommu Marija, li din tinsab għarkubtejha u ħdejha naraw lil San Ġużepp b'idu l-leminija qiegħed iżomm il-bastun, iħares b'attenzjoni kbira bħall-Madonna lejn Ġesù tarbija f'idejn Xmuni, filwaqt li b'idu x-xellugija moħbija wara l-figura tal-Madonna, qiegħed iżomm x-xema tal-preżentazzjoni.

Wara l-grupp ċentrali tidher tifla qegħda żżomm qoffa żgħira b'żewġ ħamimiet fiha, assoċjati ma' din l-azzjoni, tħares lejn Xmuni. Filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin fl-isfond tal-kwadru, naraw tliet persuni jħarsu lejn din l-azzjoni. Fuq l-istess naħa tal-lemin tal-kwadru fil-ġemb fin-naħa t'isfel, naraw ukoll il-profil ta' waħda mara għarkubtejha titlob, tradizzjonalment indikata bħala d-donatriċi tal-kwadru, li kien ikkommissjonat mill-familja li waqqfet l-artal imsemmi. Dan il-kwadru kien ġie restawrat mill-Istat Taljan u jinsab espost f'kundizzjoni ta' konservazzjoni tajba fl-ewwel artal laterali, hekk kif wieħed jidhol fil-knisja msemmija ta' Santa Barbara, fuq in-naħa tax-xellug.(14)

**Il-Madonna ta' Kostantinopoli**

Kwadru mportanti mpitter ukoll minn idejn Preti stess, fejn fih huwa daħħal ukoll il-figura ta' San Ġużepp, huwa dak li jinsab f'Napli, fil-knisja ta' Sant'Agostino degli Scalzi. Qiegħed nirreferi għall-kwadru bis-suġġett "Il-Madonna ta' Kostantinopoli", li Preti pitter fl-1656 għall-kappella Schiponi fil-knisja msemmija. Kwadru mpitter biż-żejt fuq it-tila, b'misura ta' 286 x 196cm.

Dan il-kwadru ġie mogħti lill-knisja msemmija minn żewġ aħwa: Giovan Tommaso u Marino Schipano, li kienu qraba ta' Preti stess minn naħa ta' ommu.

→

Dan kien sar bħala ex-voto b'ringrazzjament għal-ħelsien tal-pesta ta' l-1656. Fil-fatt din id-data tidher miktuba fiż-żigarella li qiegħed iżomm wieħed mill-anġli li hemm fl-istess kwadru.(15)

F'dan il-kwadru naraw il-Madonna bil-qiegħda fuq is-sedja li din tinsab fiċ-ċentru tal-kwadru, iżżomm fuq ħoġorha lill-Bambin Ġesù u fuq in-naħa tal-lemin tagħha naraw il-figura ta' San Ġużepp, b'idejh il-leminija qegħdha fuq sidru u b'idu x-xellugija qiegħed iserraħha fuq is-sedja li fuqha hemm bil-qegħda l-Madonna u fl-istess waqt qiegħed jaqbad il-mant blu tagħha b'ċerta devozzjoni, fil-waqt li qiegħed iħares lejn min iħares lejn dan il-kwadru. Madwar il-figura tal-Madonna naraw qaddisin oħra, fosthom San Rokku, il-qaddis patrun kontra l-mard tal-pesta.

**Il-Familja Mqaddsa flimkien mal-Qaddisin Franġiskani**

Kwadru ieħor li pitter Mattia Preti fejn fih daħħal il-figura ta' San Ġużepp kien jinsab fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini f'Taverna stess. Dan il-kwadru bis-suġġett: "Il-Familja Mqaddsa flimkien mal-Qaddisin Franġiskani", illum sfortunatament jinsab mitluf ma' xi kwadri oħra ta' Preti li kienu jinsabu fil-knisja msemmija.

Bejn l-1656 u l-1661 Mattia Preti ġie kkummissjonat minn Mons. Angelo Veraldi biex jagħmel dan il-kwadru flimkien ma' tnejn oħra, dak tal-"Madonna ta' l-Anġli" u dak tal-"Madonna tal-Karmnu". Deskrizzjoni ta' dan il-kwadru flimkien max-xogħlijiet l-oħra ta' Preti li kienu jinsabu f'din il-knisja, jagħtina Bernardo De Dominici, il-bibljografu ta' l-istess artist, fl-1742. Fejn jgħidilna li f'waħda mill-kappelli tal-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini (ta' Taverna) hemm kwadru li jirrapreżenta lil San Bonaventura li dan qiegħed juri lill-Madonna, li din qegħdha tagħti l-Bambin Ġesù lil Sant'Antnin ta' Padova, li b'umiltà devota dan qiegħed jirċevih. Fil-waqt li bħala spettaturi ta' din l-azzjoni naraw ukoll lil Sant'Anna, San Ġużepp u San Ġwakkin.(16)

Fl-1866 dan il-kwadru ta' Mattia Preti, tneħħa mill-kappella fejn kien jinsab fl-imsemmija knisja tal-Patrijiet Kapuċċini u għadda għand il-familja Veraldi, li kienet tiġi mill-istess Monsinjur li kien ikkommissjona lil Preti biex ipitter dan il-kwadru. Sfortunatament minn meta dan il-kwadru għadda għand din il-familja fid-dar tagħhom ġewwa Catanzaro, ma nstabu l-ebda dokumenti dwaru. Iżda, kopja tajba tiegħu ta' awtur mhux magħruf tas-settecento, tinsab attwalment fid-depositu tad-Duomo ta' Catanzaro, li oriġinalment kien fuq l-artal tal-knisja ta' Santa Maria della Stella, fl-istess belt.(17)

**Xogħlijiet ta' Mattia Preti f'Malta fejn fihom tidher il-figura ta' San Ġużepp**

F'pajjiżna nsibu wkoll numru ta' xogħlijiet mpittra mill-istess Mattia Preti, fejn fihom huwa pitter lil San Ġużepp, ġeneralment f'suġġetti fejn fihom tidħol fix-xena l-Familja Mqaddsa. F'Malta Preti pitter il-figura ta' San Ġużepp f'suġġetti li aħna se nitkellmu dwarhom f'dan l-artiklu, bħal ma hija l-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta, il-mistrieħ

→

tal-Familja Mqaddsa waqt il-ħarba tagħha lejn l-Eġittu, il-Familja Mqaddsa rappreżentata flimkien ma' Qaddisin oħra u bħala ħaddiem fid-dar tiegħu flimkien ma' Ġesù u Marija f'Nażaret.

**Il-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta.**

L-ewwel xogħol li se nitkellmu dwaru li jinsab f'Malta, fejn Mattia Preti pitter fih lil San Ġużepp hija dik li tinsab fis-saqaf majestuż tal-Kon-Katidral fil-Belt Valletta, proprju hekk kif tidħol mill-bieb prinċipali, fl-ewwel taqsima minn snesiela ta' xeni li jirrappreżentaw diversi episodji mill-ħajja ta' San Ġwann il-Battista. Proprju fix-xena li tirrappreżenta s-suġġett tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta.

Fil-fatt din ix-xena tinsab fiċ-ċentru tal-korsija fis-saqaf, bejn l-ewwel żewġ arkati. Hawn il-figura ta' San Ġużepp narawha li għandha pożizzjoni mportanti u muvimentata. Bħax-xeni u d-dekorazzjonijiet tal-pittura barokka li jinsabu jeddekoraw dan is-saqaf majestuż, din tinsab impittra b'teknika illużjonistika. Naraw lill- Madonna qegħdha tiġi milqugħa mill-qariba tagħha Santa Eliżabetta u San Żakkarija, filwaqt li l-Madonna qegħdha tiġi akkumpanjata mir-raġel tagħha San Ġużepp, li dan narawh qiegħed iħares lejn din il-laqgħa ta' Marija ma' Eliżabetta, b'idu l-leminija qiegħed iżomm bl-istess idu l-fuq, il-bastun iffjurit.

Interessanti li bħax-xeni l-oħra f'dan is-saqaf, din ix-xena narawha mpittra f'ċirku tond kompost minn gallarija miftuħa magħmula minn għadd ta' bonavostri li Preti ħoloq permezz tal-pittura tiegħu, biex jagħti dik l-impressjoni li meta wieħed iħares minn isfel għal fuq, jara din ix-xena ta' ferħ minn ġo din il-gallarija miftuħa. Hija teknika li fl-arti hija magħrufa bħala 'sotto in su". B'din it-teknika Preti pitter dan is-saqaf.

Preti pitter ukoll il-figura ta' San Ġużepp fl-istess suġġett tal-Viżitazzjoni, din id-darba fi kwadru li attwalment jinsab fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali ta' Santa Katerina taż-Żurrieq. Dan il-kwadru sar minn Preti fl-1667, huwa mpitter biż-żejt fuq it-tila u għandu misura ta' 213 x 146.5ċm. Naraw lill-Madonna u lil Santa Eliżabetta qegħdin jagħtu t-tislima tagħhom lil xulxin. Filwaqt li l-irġiel tagħhom San Ġużepp u San Żakkarija qegħdin iħarsu lejhom. Fil-parti t'isfel naraw ukoll lil San Tumas d'Aquino u lil Sant'Anton Abbati.

Bla dubju ta' xejn f'dan il-kwadu naraw bilanċ sabiħ ta' linji u kwalitajiet kromatiċi li jintegraw f'kull parti li jagħmlu minn dan il-kwadu, kwadu effettiv. Wieħed irid jinnota wkoll l-impressjonalità li hemm bejn San Ġużepp u l-Madonna.(18)

**Il-Mistrieħ tal-Familja Mqaddsa fil-ħarba tagħha lejn l-Eġittu.**

Dan huwa s-suġġett ta' kwadru ieħor li Mattia Preti pitter u naturalment daħħal ukoll fih il-figura ta' San Ġużepp. Dan jinsab fil-knisja filjali ddedikata lill-Madonna tal-Grazzji li tinsab f'tas-Sliema, quddiem il-knisja parrokkjali ta' Stella Maris. Kwadru mpitter biż-żejt fuq it-tila, b'miżura ta' 183 c 136ċm.

Skond l-istudjuż ta' l-Arti u attwalment Kuratur tal-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, Dominic Cutajar, Preti kien artist li

→

kellu ntużjażmu għall-aspetti ta' l-Arti Venezjana, filwaqt li l-influwenza tal-Caravaggio kienet tidher ħafna fix-xogħlijiet tiegħu, inkluż f'dan il-kwadru. Fil-fatt, f'din il-pittura narawha maħkuma minn qagħda jew manjiera nostalġika meħuda mill-imgħallmin tal-Lombardija, imlibbsa f'naturaliżmu Bolonjiż, speċjalment f'dik li hija kalma u qima poetika li tagħmel din il-pittura bħala ka-pulavur tal-lirika artistika ta' Preti. Mu-ment maġiku li f'dan il-kwadru huwa trat-tat b'versatilità rapsodjuża li l-artist kien jaf jagħmel, xena li ma tħallix is-sigrieti tagħha jgħejjew u jqarqu l-għajnejn.

Għalhekk simbolikament f'dan il-kwadru ma narawx biss li San Ġużepp huwa rieqed, iżda li l-figura kbira fiżika tiegħu qegħdha tieħu l-ispazju kollu tan-naħa t'isfel tal-kwadru. Filwaqt li l-Madonna narawha bil-qegħda fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru, taħt id-dell tas-siġra. L-istess wiċċ tal-Madonna jinsab mgħotti bid-dell tħares lejn il-Bambin Ġesù li jinsab f'ħoġorha, b'għajnejha mbexxqin f'mument ta' mistrieħ. Għall-kuntrarju l-Bambin li fuqu għandu d-dija tax-xemx, qiegħed jieħu l-frott minn idejn l-anġlu, li dan narawh li qiegħed għarkubtejh joffri l-frott lil Ġesù Bambin. Fil-fatt dan l-anġlu huwa wieħed mit-tliet anġli li jinsabu għarkubtejhom madwar il-Madonna u l-Bambin. Iż-żewġ anġli l-oħra, wieħed qiegħed f'qagħda ta' orazzjoni u l-ieħor qiegħed iżomm il-mant li qiegħed madwar il-figura tal-Madonna. Fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru madwar is-siġra naraw ukoll tliet puttini.[19]

**Il-Familja Mqaddsa mal-Qaddisin.**

Mattia Preti pitter ukoll il-figura ta' San Ġużepp fil-kwadru li għandu bħala suġġett "Il-Familja Mqaddsa ma' Sant'Anna, San Ġilormu, San Benedittu, Santa Skolastika u l-Arkanġlu San Rafel". Dan il-kwadru huwa meqjus mill-kritiċi ta' l-Arti, bħala wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Preti. Dan sar madwar l-1670-80 bħala kwadru titulari fuq l-artal għall-knisja ta' Santa Skolastika tal-Birgu, fejn għadu jinsab sal-lum. Impitter biż-żejt fuq it-tila u għandu misura ta' 340 x 210ċm

Huwa kwadru muvimentat li fih għandu ċertu lirika armonjuża f'kompożizzjoni li hija magħrufa għas-sens klassiku ta' ekwilibru. Il-pittura hija waħda sottili ta' kombinazzjoni, ta' kobor u umiltà, fejn naraw anġlu żgħir jiġbed lura purtiera u b'subgħajh il-werrej qiegħed jistieden lil kull min iħares lejn dan il-kwadru biex jikkontemplah. Naraw lill-Madonna bil-qegħda u fuq ħoġorha bil-wieqfa fuq l-imħadda naraw il-figura ħelwa ta' Ġesù Bambin, qiegħed jaqbad wiċċ Sant'Anna (in-nanna tiegħu), li din narawha għarkubtejha biex Ġesù Bambin jikkarezzaha. Filwaqt li fuq wara naraw lil San Ġużepp f'qagħda muvimentata, qiegħed jaħdem f'kamra mudlama fejn fl-isfond mill-bieb miftuħ tagħha naraw bini klassiku. Fuq kull naħan fil-ġnub ta' kull naħa tal-kwadru naraw ukoll il-figuri ta' l-Arkanġlu Rafel, li b'idejh miftuħa iħares lejn il-Bambin Ġesù b'ġest ta' ħlewwa. Naraw ukoll lil San Ġilormu wieqaf, u li mill-kitba tiegħu jidher li qiegħed jimmedita fuq il-misteru ta' Alla magħmul biedem. Fil-parti t'isfel tal-kwadru, naraw lil San Benedittu b'subgħajh il-werrej tax-xellug qiegħed

→

juri lil Ġesù Bambi, filwaqt li Santa Skolastika b'idejha miftuħa qegħdha titlob.[20]

**San Ġużepp Ħaddiem**

L-aħħar żewġ kwadri li se nitkellmu dwarhom, fejn Mattia Preti pitter fihom lil San Ġużepp, bħala figura prinċipali tas-suġġett li kien jittrata lill-istess Qaddis. Huma żewġ kwadri li hemm ħafna xebħ bejnithom, kemm f'dak li huwa suggett kif ukoll f'dik li hija kompożizzjoni. Dawn huma żewġ kwadri li Preti pitter flimkien ma' l-assistenti tiegħu, bħala kwadri titulari, wieħed għall-kappella ta' San Ġużepp li jinsab fil-knisja ta' Santa Tereża t'Avila, tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi (Terezjani) ta' Bormla; u l-ieħor pitter fl-1693 għall-kappella ta' l-istess Qaddis li għandha l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Patrijiet Minuri tar-Rabat.[21]

Dan il-kwadru li jinsab fir-Rabat, fl-1874 kien tneħħa minn fuq l-artal ta' l-istess kappella mill-Fratelli ta' l-imsemmija Arċikonfraternita ta' San Ġużepp stess, biex sar dak li naraw illum, opra artistika sabiħa oħra tal-pittur Ruman Pietro Gagliardi (1808-1890).[22] Il-kwadru ta' Preti kien tneħħa minn kwadru titulari f'din il-kappella minħabba l-fatt, li sfortunatament kien tmiss minn xi ħadd delettant u b'hekk ħassar dan il-kwadru. Illum dan il-kwadru jinsab iżejjen waħda mis-swali ta' Palazzo Xara, is-sede ta' l-Għaqda Mużikali L'Isle Adam.

Dawn iż-żewġ kwadri jirrapreżentaw is-suġġett: "San Ġużepp Ħaddiem". Huma żewġ kwadri kbar impittra biż-żejt fuq it-tila, li għandhom xebħ kbir bejniethom, iżda li għandhom ukoll xi partikularitajiet differenti minn xulxin.

Il-kwadru li jinsab fil-knisja tal-Patrijiet Tereżjani ta' Bormla, bħal dak tar-Rabat, naraw fih ix-xena tal-Familja Mqaddsa, bil-figura muvimentata u prominenti ta' San Ġużepp tiddomina fiċ-ċentru tal-kwadru. San Ġużepp narawh li jinsab fil-post tax-xogħol tiegħu jaħdem ta' mastrudaxxa, imħassem bil-fardal. Fil-fatt narawh qiegħed jagħti b'mannara, li din tinsab f'idu l-leminija fuq seratizz, li jinsab mqiegħed fuq bank ta' l-injam, fil-waqt li dan is-seratizz qiegħed jinżamm mill-istess San Ġużepp b'idu x-xellugija, iħares lejn it-tfajjel Ġesù, li dan narawh qiegħed iżomm salib ta' l-injam li kien għadu kemm ħadem, filwaqt li qiegħed jurieh lil missieru. Hekk naraw li l-ħarsa ta' Ġesù qiegħdha tħares profondament lejn Ġużeppi, li dan minn naħa tiegħu qiegħed iħares lejn Ġesù u s-salib tiegħu.

Meta wieħed iħares lejn dan il-kwadru, fuq il-ġemb tiegħu, n-naħa tal-lemin, jilmaħ ukoll lill-Madonna, li din tinsab ukoll f'mument tal-ħidma tagħha, megħdija bilqegħda tħit. Warajha barra l-bieb fl-isfond, naraw li hemm xi bini. Filwaqt li ħdejha fil-parti tal-ġemb ta' l-istess kwadru, naraw żewġ injamiet. Fl-art naraw iċ-ċana mferrxa ufuq il-bank tax-xogħol ta' San Ġużepp, naraw xi għodda li tintuża mill-mastrudaxxi.

Għalkemm jidher li l-kwadru x'aktarx li xi darba ġie minsus pero' ix-xogħol u t-teknika ta' Preti f'ħafna partijiet tiegħu għadhom jidhru tajjeb ħafna.

Il-kwadru l-ieħor bl-istess suġġett li għandna fir-Rabat, sforz ir-restawr ħażin li sar fuqu tilef ħafna mill-oriġinalità ta' Preti, għalkemm it-teknika tiegħu għadha

→

tidher u f'xi partijiet għadha tidher ukoll il-pittura oriġinali li pitter Preti stess.

Huwa mportanti li wieħed jgħid hawn għar-reġistrazzjoni ta' l-istorja li meta l-Fratelli ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp ġew biex jagħmlu dan il-kwadru għall-imsemmija kappella tagħhom fir-Rabat, huma qabbdu lill-aqwa pittur li kien hawn f'Malta f'dak iż-żmien tas-seklu 17. Pittur li diġa' kellu esperjenza kbira f'dan il-qasam u li diġa' kien magħruf ħafna għax-xogħlijiet b'suġġetti reliġjużi li kien diġa' ħadem għall-ħafna knejjes ta' Malta u Għawdex.

Għalhekk meta l-Fratelli irranġaw il-prospettiva ta' l-imsemmija kappella bejn l-1669-70, riedu kwadru artistiku li jkompli mal-bqija tal-prospettiva barokka li kienu għadhom kemm għamlu.(23) Għalhekk huma kkummissjonaw lill-Mattia Preti biex ipitter dan il-kwadru titulari għal fuq l-artal ta' l-imsemmija kappella, minflok ieħor li kellhom diġa' li jirrapreżenta l-Ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu, magħmul fl-1595 minn artist s'issa mhux magħruf. Bħala suġġett tal-kwadru ġie magħżul "San Ġużepp Ħaddiem". Suġġett li kien relatat ħafna ma' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp, peress li ħafna mill-Fratelli tagħha kienu jaħdmu fix-xogħol ta' l-injam bħala mastrudaxxi, li dawn bħal ma nafu għandhom bħala Patrun tagħhom lil San Ġużepp.

Għalhekk skond il-Professur John T. Spike - studjuż awtorevoli fuq ix-xogħlijiet ta' Mattia Preti, meta ġie jara u janalizza dan il-kwadru fil-Każin tal-Banda L'Isle Adam, f'Marzu li għadda, waqt li kkonferma l-awtentiċità ta' dan il-kwadru li huwa xogħol ta' Mattia Preti flimkien ma' l-assistenti tiegħu, huwa għamel analiżi b'mod partikulari li f'dan il-kwadru, li għandu miżura ta' 263 x 182.5ċm naraw li Preti kollox iċċentralizza fuq il-figura ta' San Ġużepp Ħaddiem. Billi pitter din il-figura proprju f'nofs il-kwadru, billi bħal ma għamel fil-kwadru ta' Bormla, ta mportanza kbira bħala figura ewlenija tax-xena u s-suġġett tal-kwadru. Figura ċentrali u prominenti li qegħdha tiddomina l-istess xena tal-kwadru. Għalhekk lil San Ġużepp nerġgħu narawh ippreżentat minn Preti, f'qagħda muvimentata, qiegħed jaħdem fl-injam, b'idu l-leminija jżomm il-mannara u b'idu x-xellugija qiegħed jaħdem injama li hu se jaqta' fuq il-bank tax-xogħol tiegħu. Ħdejh fin-naħa tal-lemin naraw it-tfajjel Ġesù iħares lejn San Ġużepp b'idu l-leminija jżomm is-serrieq u b'idu x-xellugija qiegħed iżomm il-martell. Filwaqt fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru naraw lill-Madonna bilqegħda megħdija fix-xogħol tal-ħjata tagħha u fl-art naraw imferrex xi njam u ċana. Fin-naħa ta' fuq, fir-rokna tal-lemin tal-kwadru, proprju ftit il- fuq mill-figura tal-Madonna, naraw żewġt itfal qegħdin iħarsu minn ġo tieqa lejn San Ġużepp Ħaddiem, fejn wieħed minnhom qiegħed proprju juri lill-ieħor b'subgħajh il-werej lil San Ġużepp: il-protagonista tas-suġġett tal-kwadru.

Nittamaw li dan il-kwadru fil-futur jiġi restawrat b'mod mill-aktar professjonali, biex inkunu nistgħu naraw u ingawdu mill-ġdid s-sbuħija oriġinali ta' din l-opra artistika, li sfortunatament mhix magħrufa biżżejjed fost ix-xogħlijiet artistiċi ta' Mattia Preti.

→

Referenzi:

1. Il-qabar ta' Mattia Preti fil-Kon-Katidal ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, jinsab fl-art taħt wiċhed mill-pilastri ta' l-ewwel arkata tan-naħa tax-xellug, hekk kif tidħol mill-bieb prinċipali tal-knisja, fil-passaġġ li jagħti għas-sagristija. Preti ġie midfun f'dan il-qabar, dak in-nhar stess li miet. Kif insibu reġistrat fir-reġistru uffiċjali tad-dfin ta' l-Ordni, li jinsab fl-Arkivju ta' l-istess Ordni (AOM) 1948, f.11. Il-lapida ta' l-irħam li hemm fuq il-qabar tiegħu għamilha l-ħabib kbir tiegħu l-Kavallier Fra Camillo Albertini, kif hemm miktub fl-iskrizzjoni fuq l-istess lapida.

2. Skond Bernardo De Dominici, i-bibljografu tal-pittur, fil-perijodu li Mattia Preti kien Ruma, huwa ġie mqabbad biex ipitter is-suġġett mitoloġiku "Penelope tkeċċi l-ħbieb foloz ta' Ulisse" (li attwalment ma nafux fejn din il-pittura tinsab, peress li ma għandna l-ebda ħjiel tagħha) għal Donna Olimpia Aldobrandini, Prinċipessa ta' Rossano u l-mara tal-Prinċep Paolo Borghese. Din il-Prinċipessa kellha awtorità kbira f'Ruma, minħabba d-demm nobbli tagħha u minħabba l-istima li kellu lejha l-Papa Urbanu VIII. Għalhekk xejn ma kien diffiċli biex jiġi ntrodott magħha Mattia Preti bil-grazzja tal-Papa. Preti pitter is-suġġett "Il-Kundanna ta' Kristu għall-mewt fuq is-salib minn Pilatu", xogħol li ma jidhirx imniżżel fl-inventarju tas-seklu 17 tal-familja Barberini.

   Dawn ix-xogħlijiet kisbu għal Preti stima kbira lejh mis-Santa Sede u mill-istess Prinċipessa Donna Olimpia Aldobrandini, li din bħala rigal ta' l-affezzjoni tagħha, giegħlet lill-Papa Urbanu VIII biex jagħmel lil Preti Kavallier ta' l-Ordni Ospitalier tal-Kavallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalem. De Dominici jgħid li fit-13 ta' Novembru 1641, il-Papa Urbanu VIII Barberini, bagħat l-ewwel Brevi tiegħu biex Mattia Preti jinħatar Kavallier ta' Malta. It-tieni Brevi, ġie mibgħut fit-18 ta' Ottubru 1642 u ċ-ċerimonja uffiċjali kellha ssir fil-31 ta' Ottubru 1642, fil-knisja ta' Sant'Anna in Borgo, f'Ruma.

   Dak li De Dominici qal, jinsab konfermat mir-riċerka li saret fl-Arkivju tal-Vatikan, biex jerġa' jibni dan il-mument fil-karriera ta' Preti, li proprju jikkonferma l-kuntatti li huwa kellu f'Ruma mal-familja Barberini, li mingħajr dubju ta' xejn kienet responsabbli biex Mattia Preti jiġi appuntat bħala Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dan jidher fil-Brevi tat-13 ta' Novembru 1641 u f'dak tat-13 ta' Ottubru 1642, li fl-aħħat ħatar lill-Preti bħala Kavallier ta' l-Ubbidjenza. Il-parti li lagħbet il-familja Barberini huwa approvat minn Mattia Preti stess fix-xogħol li huwa pitter għaliha madwar l-1640, u li sal-lum għadu jidher reġistrat fl-inventarji ta' l-istess familja Barberini. Ta' min jgħid li l-ewwel xogħol datat li għamel Preti f'Ruma, huwa wkoll relatat ma' kummissjoni li kien għamel Taddeo Barberini lill-istess Preti.

   Ara B.De Dominici, (1742-45) 1864, pp.9, 18-19. Belt tal-Vatikan Arkivju Sigriet, Segriterija dei Brevi, n. 903, 1641, ff. 511r u v, u 512r Ibidem, n. 915, 1942, ff. 644r u v, u 645r u v. Fl-appendiċi ż-żewġ Brevi huma ppublikati kollha, għall-ewwel darba. Federica Piccirillo, "Notes for a Documented Biography", Erminia Corace, "Mattia Preti", Fratelli Palombi, Ruma - Italja, 1989, pp.51,52.

3. Fra Mattia Preti ġie mgħolli bħala "Cavaliere di Grazia" f'Malta, fil-15 ta' Settembru 1661 bi Brevi tal-Papa Alessandru VII. Ara Arkivju ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta (BNM) - Valletta, Mons. A. Kan. Mifsud, riċerka li kien għamel żied d-diskors ta' l-Arċisqof Carmelo Pujia, 1913 fejn jinkludi wkoll l-ittri tal-Papa Alessandru VII dwar Mattia Preti bħala Kavallier ta' Grazzja, id-Deliberazzjonijiet tal-Lingwa ta' l-Italja li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' Preti fl-1659, kif ukoll ħafna notamenti dwar il-ġieħ u l-uniri li rċieva Preti matul iż-żmien li għex f'Malta. John T. Spike, "Mattia Preti's Pictorial Career"' E. Corace ibid, pp.34, 46, 47.

4. Maurizio Marini, "Mattia Preti his Vision and His Followers", E. Corace, ibid, pp. 152-153. BNM, Valletta. "Liber conciliorum", vol. 261, f.61r. F. Piccirillo, op.cit., ibid., p.58.

5. T. Spike, op.cit., p.40.

6. P.F. Raffaele, Catanzaro 1966. BNM,

→

Arch.1948, "Liber in quo descrbuntur nomina Relegiosorum Ordins Sancti Joannis Hier mi pro tempore defunctorum", f.IIV. A. Frangipane, 1929, pp. 13-14. Ara wkoll F. Piccirillo, op.cit., pp.51, 60.

7. A. Frangipane, 1935, pp. 17-19 F. Piccirillo, ibid., op.cit., pp. 51, 60.

8. B. De Dominici, (1742-45) 1864, p. 7 U. Vichi, 1961, 3, pp. 13-14.

9. Santino Vitelli, "From Native Taverna to New Horizons", "Mattia Preti"' op.cit., p.12.

10. E. Corace, op.cit., pp. 12-167.

11. J.T. Spike, op.cit., pp. 15-44. BNM, Arch. 1445, cf. V. Bonello, 1970, pp. 459-463.

12. Giuseppe Valentino, "Taverna Città d'Arte"' Fratelli Gigliotti Editori, Lamezia Terme, Italja, 1994, p.77.

13. Id., op.cit., pp. 47, 104.

14. Id., ibid op.cit.

15. E. Corace, "Mattia Preti dal designo al colore", testi ta' Dominic Cutajar, Emanuela Settini, Claudio Strinati, Santino Vitelli, traduzioni ta' Paola Corazza, Tipografia Vaticana, Belt tal-Vatikan, Edizione Arte, Ruma, 1995.

16. B. De Dominici, "Vita del Cavalier Mattia Preti" fil-"Vite de' Pittori, Scultori ed Architetti Moderni, scritte e dedicate alla Maestà di Carlo Emanuel Re di Sardegna", Napli, 1742-45.

17. A. Frangipane, "Inventario degli oggetti d'arte d'Italia, II", "Calabria", fil-Librerija ta' l-Istat, 1933, sena XI u F., p.96. Ara wkoll G. Valentino, op.cit., pp. 19-20,87.

18. Antonio Espinosa Rodriguez, "Marian Art during the 17th and 18th Centuries" ta' Mario Buhagiar, Malta 1983 p.38.

19. Dominic Curajar, op.cit., pp. 37-38.

20. Mario Buhagiar, "The Artistic Heritage" fil-"Birgu a Maltese Maritime City", Vol. II, editjat minn Lino Bugeja, Mario Buhagiar, Stanley Fiorini, Malta University Services Ltd., University Campus, Msida, Malta, 1993, p.488.

21. Dan il-kwadru ta' Mattia Preti fost l-oħrajn jisemma ukoll fil-Kronaka tal-Kunvent tal-Patrijiet Minuri tar-Rabat, tas-seklu 18.

22. Fl-Arkivju ta' l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina, jinsabu d-dokumenti kollha relatati ma' dan il-kwadru, inkluż l-irċevuta li ħarġet minn idejn il-pittur Pietro Gagliardi fl-1874. Il-firma ta' l-istess pittur u d-data msemmija, jinsabu ukoll impittra fil-kwadru msemmi.

APC

A.P.C.
TRAVEL BUREAU

Claire Coppola
*Managing Director*

47, Main Street,
Rabat 02,
Malta.

Tel: (+356) 451158/9
Fax: (+356) 450597